C/2024/3501

28.5.2024

# Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1484 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1488, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja

(C/2024/3501)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1484 ([1]) u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485 ([2]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1488 ([3]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet, u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 u fir-Regolament (UE) 2024/1485, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1488. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjoni ta' dawk il-persuni jidhru fl-entrati rilevanti fl-Annessi tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484, tar-Regolament (UE) 2024/1485 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1488.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat jew Stati Membri rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1484 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmijin hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, **qabel il-15 ta' Jannar 2025**, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-finijiet tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1484 u l-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2024/1485.

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L, 2024/1484, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1484/oj.
([2]) ĠU L, 2024/1485, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1485/oj.
([3]) ĠU L, 2024/1488, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1488/oj.